A.L. 228 ta' l-2007

ORDINANZA DWAR ID-DFIN
(KAP. 17)

Ordni ta' 1-2007 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar id-Dfin, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità, flimkien mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan 1-ordni hu Ordni ta' 1-2007 għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra.

Prezz għall-qabar fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata.

2. Il-prezz pagabbli għall-akkwist ta' qabar, inkluż is-sit, fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata għandu jkun ta' Lm1500.